**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Yahia Wahid S. Alforgani**

**Illum, 18 ta' Gunju 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **Yahia Wahid S. Alforgani**, detentur tal-karta tal-identità mahruga mill-Kummissarju tar-Refugjati 21689;

Akkuzat talli:

nhar is-17 ta' Gunju 2018 bejn is-sitta u s-sebgha ta' filghaxija (18:00-1900hrs), minn Pjazza San Gorg, il-Belt Valletta u f'dawn il-gzejjer:

1. Ikkometta serq ta' basket iswed tal-marka 'Adidas' bi flus kontanti, telefon cellulari tall-marka 'Samsung' u diversi oggetti ohra liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba u disghin centenzmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centenzmu (€2,328.37) ghad-detriment ta' Andrea Albe u/jew persuni ohra u dan bi ksur talp-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur jeccedi mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centenzmu (€2,328.37) sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Semghet l-imputat jikkonferma l-htija tieghu;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Yahia Wahid S. Alforgani rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 267, 279 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, ir-ritorn tar-refurtiva, l-fedina penali netta tal-imputat, u n-natura u gravita' tal-akkuzi migjuba kontra tieghu tikkundanna lill-imputat ghal zmien sena prigunerija liema kundanna bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg

Deputat Registratur